# Ħofra

Kenneth Scicluna

Mimduda sibt-ni,
kif tixtieq-ni.
Għaraft-ni?
Wellidtek u int
terraqt-li lura,
'il ġewwa.

Ħaffer, fittex daqslikieku martek.
Qaxxar, witti, batti.
Daqslikieku bintek, qegħed-ni
kif u fejn u ma' min
    trid-ni.

    Nessejt-li.
            Insejt-ni.

*’Ελελεῦ, ’Ιού, ’Ιού.*
Għad jixref, mit-tgħawwir,
bil-ħajta għadha f’idu, u hu
mgħammex bid-dawl ma jintebaħx
bit-tiżrita, bit-tiċrita, u hu
jinħall, u hu jinħatt, u
hu

Jien sawwart-ek, leħenatt.
Jekk qatt,
mal-int, irbatt, il-jien, maż-żmien,
kont tħollha l-għoqda,
kont tħassar-li
wiċċ-i, lil wiċċ-ek,
kont, li stajt, bqajt
u mhux tellajt ħajt
ifakkar ’il min fena
b’li bena
għax barax is-sema,
minn sena
kull sena?